MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 280/2009

**Mobisle Communications Limited**
**(C-24655)**

**vs**

**Carmel Gauci**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' elfejn, u tmienja u sittin Euro u hamsa u sittin centezmi (€2,068.65), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 1021172 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra konvenut illi gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn, u tmienja u sittin Euro u hamsa u sittin centezmi (€2,068.65), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------